MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Numru 1093/2012

**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**BRIAN PACE**

**AMANDA CAMILLERI**

**DONNA CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Brian Pace ta’ 36 sena, bin Saviour u Miriam nee’ Agius, mwieled Pieta fis-7 ta’ Awwissu 1978, residenti 5, Triq Ghajn Dwieli, Sqaq Numru 2, Paola u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 377378M;

U

Donna Camilleri ta’ 28 sena, bint Victor u Concetta nee’ Caruana, mwielda Pieta’ nhar il-5 ta’ Ottubru 1986, residenti Block 14, Bieb 1, Flat 2, Trejqet il-Ward, Santa Lucija u detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 457586M;

U

Amanda Camilleri ta’ 29 sena, bint Victor u Concetta nee’ Caruana, mwielda Pieta’ nhar it-3 ta’ Gunjru 1985, residenti 5, Triq Ghajn Dwieli, Sqa numru 2, Paola u detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 302185M

Talli;

Lil Brian Pace wahdu;

1) Nhar il-21 ta' Ottubru 2012, matul il-jum u cioe ghal habta tas-1.00pm, f' dawn il-gzejjer u cioe minn gewwa l-hanut maghruf bhala Gauci Borda and Sons li jinsab gewwa Triq ix-Xatt, Gzira, ikkommetta serq ta' flus minn gewwa l-hanut, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz kif ukoll bil-valur il jeccedi €232.94 ghad-detriment ta' Neville Pace u jew ta' persuni jew kumpaniji ohra;

2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe l-bieb tal-hanut liema hantu jisnab gewwa Triq ix-Xatt, Gzira ghad-detriment ta' Neville Pace u/jew ta' persuni jew kumpaniji ohra lima hsara tiskorri €116.47 imma inqas minn €1,1164.69;

Lil Donna Camilleri u Amanda Camilleri wahedhom;

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom komplici fir-reat hawn fuq imsemmi, billi xjentament ghenu jew assistew lill-awtur jew lill- awturit tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kienu jafu jew missi kienu jafu li kellhom hekk jigu wzati;

4) Aktar talli b' hekk ikkommettew delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija mill-Magistrat Dr Neville Camilleri LL.D fil-25 ta' Awwissu 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Fl-ahhar akkuzati flimkien;

5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu jikkonsistu fi flus;

6) Finalment akkuzati talli saru recidivi ai terimnu tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 b' diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigbu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 12 ta' Settembru 2014, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom l-imputati kellhom jigu gudikati;

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni biex din il-kawza tinstema' sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju avvanzat f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw mill-gdid din l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni taghom setghet iggib maghha;

Rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza tal-Ufficjali tal-Probation tal-imputati Brian Pace u Amanda Camilleri, u r-rakkomandazzjonijiet hemmhekk maghmula mill-istess Ufficjali;

Rat illi r-rapport ta' qabel is-sentenza fil-konfront tal-imputata Donna Camilleri ma sarx mill-Ufficjal tal-Probation, peress illi l-imputata naqset milli tattendi ghall-appuntamenti li kienu nghatawlha mill-istess Ufficjal;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-hames imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, inghatat bhala alternattiva ghal dik tas-serq, u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-istess imputazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 42(c), 42(d), 28A, 28B, 28C, 334(a), 49, 50, 289, 23, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja w ghaldaqstant:

Fil-konfront ta’ **Brian Pace** tikkundannah ghal piena ta’ sentejn prigunerija;

Fil-konfront ta’ **Amanda Camilleri** tordna li titqieghed taht ordni ta’ probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-perijodu ta’ tlitt (3) snin. Tastjeni milli tiehu provvediment dwar is-sentenza sospiza datata 25 ta’ Awwissu 2012;

Fil-konfront ta’ **Donna Camilleri** tikkundannaha ghal piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija. Testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza datata 25 ta’ Awwissu 2012 ghal erba’ snin millum, taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------